MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1552/2003

**Anthony u Brigitte konjugi Borg**

**vs**

**Adrian Buttigieg u Anthony Mallia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 t'Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu ikkundannati in solidum ihallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija tmienja u sittin Liri Maltin u hmistax –il centenzmu (Lm768.15) rappreżentanti danni kagunati fl-incident awtomobilistiku tas-26 ta' Gunju 2003 li sehh f'Rahal il-Gdid bejn il-*bus* numru DBY 448 misjuqa mill-konvenut Anthony Mallia u l-vettura numru DOR 180 proprieta' tal-atturi u misjuqa minn Dorothy Borg u dan stante li l-konvenut Anthony Mallia kien responsabbli ghall-incident u l-konvenut l-iehor Adrian Buttigieg, li kien il-proprjetarju tax-xarabank, talli

ippermetta lil Anthony Mallia jsuq ix-xarabank meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti in solidum min-notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra ir-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew illi it-talbiet atrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-incident de quo sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti ta' Dorothy D. Borg, u mhux kif allegat fit-talbiet. Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Borg, Dorothy Borg, Brigitte Borg, PS 830 Chris Debono, Maria Pisani, Anthony Mallia u Adrian Buttigieg. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kolha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Gunju 2003, f'Pjazza Antoine de Paule, Rahal il-Gdid bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DOR 180 misjuqa minn Dorothy Borg u proprieta' tal-atturi u ix-xarabank bin-numru tar-registrazzjoni DBY 448 misjuqa mill-konvenut Anthony Mallia u proprieta` tal-konvenut l-iehor Adrian Buttigieg.

Dorothy Borg xehdet li dakinhar tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru DOR 180 fil-lokalita` imsemmija, rat vettura hierga minn *parking space* man-naha tax-xellug taghha u peress li riedet tidhol minflokha hija xeghlet l-*indicator* u waqfet *dead stop* wara l-vettura hierga mill-*parking space* tistenna lil din il-vettura hierga. Waqt li kienet hekk wieqfa hija rat ix-xarabank misjuqa mill-konvenut Mallia gejja minn warajha. Din waqfet xi nies fuq iz-*zebra crossing* u meta regghet imxiet ghaddiet minn ma genb il-vettura taghha u gibditilha il-genb mill-mera `l quddiem. Dorothy Borg tghid li ix-xarabank baqghet

miexja u hija ghalhekk daqqitilha l-horn sabiex tieqaf u ommha Brigitte Borg li kienet passiggiera maghha harget mill-vettura u bdiet tghajjat lis-sewwieq tax-xarabank biex jieqaf. Dorothy Borg tispjega li l-vettura taghha kienet leggerment angolata `l barra lejn il-lemin sabiex tippermetti lill-vettura l-ohra tohrog mill-*parking.* Hija tghid ukoll li min-naha tal-lemin taghha kien hemm bizzejjed spazju minn fejn jghaddi Mallia u fil-fatt wara l-incident bdew ghaddejjin vetturi ohrajn u anki xarabanks. Il-verzjoni moghtija minn Dorothy Borg giet korroborata minn ommha Brigitte Borg.

Il-konvenut Anthony Mallia xehed li fid-data tal-incident huha kien qed isuq ix-xarabank bin-numru DBY 448 f'Rahal il-Gdid sejjer lejn il-Belt u kien qieghed fuq sajdu u cioe` fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Huwa jghid li waqaf fuq iz-*zebra crossing* sabiex jaqsmu xi nies u meta kien ser jaqla' harget il-vettura tal-atturi mix-xellug tieghu u habtet fih. Sussegwentement izda huwa jghid li ma kienx ra l-vettura tal-atturi qabel l-impatt. Huwa spjega li kien miexi ghad-dritt ghaliex kien hemm xarabank iehor qed itella` in-nies minn fuq il-*bus stop* u huwa kien mimli. Huwa identifika lill-attrici Brigitte Borg bhala s-sewwieqa tal-vettura u jghid li din ammettiet it-tort malli nizlet mill-vettura. Huwa jikkonferma li l-vettura tal-attrici kienet angolata thares `il barra wara l-incident u jghid li huwa waqaf ghaliex sema' hoss u li l-hsara fix-xarabank misjuqa minnu kienet mill-istaffa lura.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa il-provi prodotti miz-zewg partijiet u jidhirlu li l-konvenut Anthony Mallia kien unikament responsabbli ghall-incident *de quo*. Il-verzjoni moghtija minn Dorothy Borg hija ferm aktar verosimili u r-ritratti tal-hsarat fil-vettura taghha esebiti a fol. 27 jikkoroboraw il-verzjoni minnha moghtija. Inoltre mix-xhieda tal-konvenut Mallia stess, u anke mill-verzjoni moghtija minnu 'a *tempo vergore'* kif rapportata fir-Road Accident Report, jirrizulta ampjament li huwa ma ndunax bil-vettura misjuqa minn Borg qabel l-impatt u fil-fatt baqa' miexi u waqaf biss ghaliex sema' hoss. Jidher li l-incident sehh ghaliex Mallia naqas milli jara l-vettura ta' Borg wieqfa man-naha tax-xellug tieghu u leggerment angolata

lejn il-lemin u ghalhekk meta ghadda minn ma’ genbha huwa gibdilha is-*side mirror* u kaxkrilha l-genb mill-mera `l quddiem. Anthony Mallia naqas milli jzomm *a proper lookout* u jara dak li kien *in plain view* fit-triq quddiemu. Kif diga ntqal aktar `il fuq il-hsara fil-vettura ta’ Borg tikkonferma din it-tezi. Li kieku Borg verament harget ghal gharrieda u habtet max-xarabank, il-hsara taghha kienet tkun fil-ponta ta’ quddiem u ma kienx ikollha l-genb mill-mera `l quddiem mibrux bil-mod li jidher riportat fir-ritratti esebiti a fol. 27.

L-atturi talbu li z-zewg konvenuti jigu ikkundannati in solidum sabiex ihallsu d-danni minnhom sofferti. Mill-provi u senjatament mix-xhieda ta’ Maria Pisani u mid-dokument esebit a fol. 9 tal-process, jirrizulta li l-polza ta’ assikurazzjoni mahruga fuq ix-xarabank misjuqa minn Anthony Mallia kienet “Named Driver Policy” u cioe` kienu koperti biss dawk is-sewwieqa li isimhom ikun gie indikat lill-assikurazzjoni. Mix-xhieda tar-rapprezentanta tal-Omnibus Poll jirrizulta li Anthony Mallia kien mar jirregistra ismu taht il-polza biss l-ghada tal-incident. Adrian Buttigieg il-proprietarju tax-xarabank jipprova jiggustifika dan il-fatt billi jghid li dakinhar tal-incident huwa kellu jibghat lil Mallia jsuqlu ix-xarabank peress li kienu dahlulu lil missieru l-Isptar. It-Tribunal jidhirlu li r-raguni moghtija mill-konvenut Buttigieg sabiex jezonera ruhu mir-responsabilita` m’hijiex accettabbli. Huwa kien ben a konoxxenza tal-fatt li x-xarabank kienet koperta b’”Named Driver Policy Only” u ghalhekk qatt ma messu qabbad sewwieq li ma kienx indikat fuq il-lista ta’ sewwieqa moghtija lill-assikurazzjoni.

Irid jigi rilevat li immedjatament wara l-incident Buttigieg prontement mar l-Ghassa u ghalhekk it-Tribunal isibha difficli jemmen il-verzjoni moghtija minnu dwar ir-rikoveru ta’ missieru l-Isptar.

In kwantu jirrigwarda l-*quantum* tad-danni reklamati, dawn bl-ebda mod ma gew kontestati mill-konvenuti u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew ir-ricevuti kollha relattivi in sostenn tat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqa' u jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi in solidum bejniethom is-somma ta' seba' mija tmienja u sittin Liri Maltin u hmistax –il centenzmu (Lm768.15) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------